MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 520/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

***... omissis ...***
**Shawn Agius**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra *omissis* u Shawn (fiċ-ċertifikat tat-twelid indikat bħala Shone (Carmel-Shone)) Agius talli nhar-it 30 ta' Novembru 2010 għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (16:30 hrs) minn ġewwa r-residenza 'La Fenice', Triq il-Madliena, Swieqi:

(1) bil-ħsieb li jikkomettu d-delitt ta' serq aggravat bil-'lok', 'bil-mezz' u bil-valur' li jkun iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu

(€2,329.37), urew dan il-ħsieb b’atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tagħhom, u dan għad-dannu ta’ Maria Diana Sant Fournier u persuni oħra;

(2) daħlu f’dar jew lok ieħor jew f’reċint b’wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 264, 265 u 266, għalkemm ma jkun hemm ebda prova ta’ att li jikkostitwixxi attentat ta’ reat iehor, l-akkużat għall-fatt biss tad-dħul imsemmi meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher li l-ħsieb tal-ħati kien li jaghmel serq;

Lil Shawn Agius waħdu akkużat talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi:

(3) wara li kien ikkundannat f’Malta għal serq, jew għal riċettazzjoni, instab fil-pussess ta’ għodod oħra tajbin għall-ftuħ jew sgassar ta’ serraturi mingħajr ma ta kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu jinsabu għandu dak iż-żmien;

(4) ikkommetta reat waqt li kien taħt sentenza sospiża, liema sentenza ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati Maltin preseduta mill-Maġistrat Dr. J. Padovani nhar-it 12 ta’ Ġunju 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

(5) kiser il-*probation* taħt l-artikolu 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta fejn kien ġie misjub ħati minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati f’Malta fit-13 ta’ Jannar 2010;

U aktar talli l-imsemmijin *omissis* u Shawn Agius saru reċidivi ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodiċi Kriminali, meta huma kienu ġew misjuba ħatja u ikkundannati ghal reat, b’sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tal-15 ta’ Dicembru 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b), 261(c), 261(e), 263, 267, 269, 330, 287, 28A, 28B,

49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Shawn Agius ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u fir-rigward tal-imputazzjonijiet bin-numru wieħed (1), tnejn (2) u tlieta (3), il-Qorti qiegħdet lill-appellant Shawn Agius taħt ordni ta' *probation* għal perijodu ta' tliet (3) snin mid-data tas-sentenza appellata, liema ordni huwa soġġett għall-kondizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti fl-istess jum u anness mas-sentenza appellata. Fir-rigward tal-imputazzjoni bin-numru ħamsa (5), l-ewwel Qorti għażlet li ma tittrattax ma' l-imsemmi Shawn Agius għar-reati li dwarhom kien sar l-ordni ta' *probation* fit-13 ta' Jannar 2010, iżda estendiet l-ordni ta' *probation* tat-13 ta' Jannar 2010 għal perijodu massimu ta' tliet snin bl-istess kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħti fit-13 ta' Jannar 2010. Finalment, fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, l-ewwel Qorti ordnat, ai termini ta' l-artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-piena ta' priġunerija ta' ħmistax-il (15) xahar sospiżi għal tliet (3) snin mogħtija permezz ta' sentenza fit-12 ta' Gunju 2008, tiġi reża operattiva, u b'hekk l-appellant Shawn Agius għandu jibda jiskonta l-perijodu ta' ħmistax-il (15) xahar priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Shawn Agius ippreżentat fit-22 ta' Dicembru 2011 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-ħtija, iżda tagħti piena aktar ekwa u ġusta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena peress illi jgħid illi "l-ispettur prosekutur kien ta l-appellant x'jifhem li s-sentenza se tkun ferm anqas minn ħmistax-il xahar priġunerija. Barra minn hekk l-appellant huwa dipendenti mid-droga u qed jagħmel ħiltu sabiex joħroġ minn din il-problema."

**6.** L-ewwelnett din il-Qorti tosserva illi li l-appellant jilmenta li l-ispettur tah x'jifhem li l-piena sejra tkun anqas

minn ħmistax-il xahar priġunerija huwa lment għal kollox fieragħ peress illi l-piena mhijiex dik li jgħid l-ispettur iżda dik li tiddetermina l-Qorti. Imbagħad il-ħmistax-il xahar priġunerija inflitti mill-ewwel Qorti ma huma xejn ħlief id-deċiżjoni li ħadet dik il-Qorti li ġġib fis-seħħ sentenza sospiża ta' priġunerija ta' ħmistax-il xahar li kienet ġiet inflitta b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Ġunju 2008. Imbagħad li l-appellant huwa dipendenti mid-droga mhijiex raġuni sabiex jikser il-liġi b'impunita`.

**7.** Quddiem din il-Qorti, pero`, id-difensur ta' l-appellant irrefera għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' Mejju 2011 fil-konfront ta' l-appellant. Inoltre xehdet Marilyn Attard, uffiċjal tal-*probation* li qed tipprepara *pre-sentencing report* fi proċeduri oħrajn pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u li, fost affarijiet oħra, qalet illi s-sentenza sospiża msemmija diġa` ġiet attivata u l-appellant diġa` serva s-sentenza kollha. Effettivament jirriżulta illi bis-sentenza msemmija tat-30 ta' Mejju 2011, l-appellant (indikat f'dik is-sentenza bħala "Shone Carmel Agius" – il-partikolaritajiet l-oħra huma identiċi għal dawk ta' l-appellant) ġie kkundannat 23 xahar priġunerija wara li ammetta "għall-akkużi kollha kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li ngħata ż-żmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruħu", u dik il-Qorti sabitu ħati "tal-akkużi kollha <u>kif dedotti</u> kontrih" (sottolinear ta' din il-Qorti). Issa, f'dik il-kawża l-appellant kien ġie akkużat kif ġej:

**"Akkużat talli:**

**"Nhar-it 28 ta' Mejju 2011, għall-ħabta tat-tlieta u għoxrin minuta ta' wara nofsinhar, ikkommetta serq minn ġewwa'Jeff's Pastizzeria' sitwata fi Triq il-Kbira, Zebbug, għad-dannu ta' Wayne Saliba, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbeż mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux elfejn tliet mija u disgħa u euoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);**

**"U aktar talli sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu, kif ukoll talli kkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, u bi ksur tal-*Probation* a tenur tal-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kien ġie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess artikoli."**

**8.** Għalkemm ma ssirx referenza għad-dati tas-sentenza sospiża u tal-*probation*, l-unika sentenza sospiża u l-uniku ordni ta' *probation* li ngħataw qabel is-sentenza tat-30 ta' Mejju 2011 u li l-perijodu operattiv tagħhom kien għadu qiegħed jiddekorri, huma dawk, rispettivament, tat-12 ta' Ġunju 2008 u tat-13 ta' Jannar 2010.

**9.** Sfortunatament f'din is-sentenza tat-30 ta' Mejju 2011 ma ġiex speċifikat illi l-Qorti kienet qed iġġib fis-seħħ is-sentenza sospiża in kwistjoni. Dan għandu jsir bħalma jipprovdi l-artikolu 28B(1) stess tal-Kodiċi Kriminali: "Meta persuna tinstab ħatja ta' reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża … dik il-qorti għandha tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda isseħħ." Sabiex ma jkunx hemm ekwivoku, kellha wkoll tiddikjara jekk kinitx qed tittratta mal-ħati mill-ġdid dwar il-ksur tal-*probation* a tenur ta' l-artikolu 23 tal-Kap. 446. Is-sentenza ma tirreferix la għall-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u lanqas għall-artikolu 23 tal-Kap. 446.

**9.** Issa, f'dik is-sentenza jista' jiġi deżunt illi l-Qorti kellha l-intenzjoni li tirrendi eżekuttiv is-sentenza sospiża u tittratta miegħu għall-ksur tal-*probation* mill-fatt illi l-appellant kien iddikjara li kien qiegħed jammetti l-akkużi <u>kollha</u> u l-Qorti sabitu ħati ta' l-akkużi <u>kollha</u>. Imbagħad il-piena tidher li tirrifletti kemm il-hmistax-il xahar priġunerija tas-sentenza sospiża kif ukoll il-piena għar-reati l-oħra fil-minimu possibbli.

**10.** Ir-reati addebitati lill-appellant fil-każ odjern ġraw fit-30 ta' Novembru 2010 meta allura kienet għadha ma

ngħatatx is-sentenza msemmija tat-30 ta’ Mejju 2011. Is-sentenza sospiża li għaliha ssir referenza fl-akkuża odjerna hija fil-fatt dik tat-12 ta’ Ġunju 2008, filwaqt li l-ordni ta’ *probation* li għaliha ssir referenza hija dik tat-13 ta’ Jannar 2010. Sentenza sospiża ta’ priġunerija tista’ tingieb fis-seħħ darba biss u hekk ukoll Qorti tista’ tittratta mal-ħati mill-ġdid darba biss dwar sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata. Konsegwentement l-ewwel Qorti, li ma nġabitx a konjizzjoni tagħha s-sentenza msemmija tat-30 ta’ Mejju 2011, ma setgħetx la ġġib fis-seħħ is-sentenza sospiża u lanqas testendi l-ordni ta’ *probation*.

**11.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu, fir-rigward tal-imputazzjoni bin-numru ħamsa (5), l-ewwel Qorti għażlet li ma tittrattax ma’ l-imsemmi Shawn Agius għar-reati li dwarhom kien sar l-ordni ta’ *probation* fit-13 ta’ Jannar 2010, iżda estendiet l-ordni ta’ *probation* tat-13 ta’ Jannar 2010 għal perijodu massimu ta’ tliet snin bl-istess kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħti fit-13 ta’ Jannar 2010, u in kwantu, fir-rigward tar-raba’ (4) imputazzjoni, l-ewwel Qorti ordnat, ai termini ta’ l-artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, li l-piena ta’ priġunerija ta’ ħmistax-il (15) xahar sospiżi għal tliet (3) snin mogħtija permezz ta’ sentenza fit-12 ta’ Gunju 2008, tiġi reża operattiva, u b’hekk l-appellant Shawn Agius għandu jibda jiskonta l-perijodu ta’ ħmistax-il (15) xahar priġunerija, u tikkonfermaha fil-bqija, b’dan li t-terminu ta’ l-ordni ta’ *probation* jibda jiddekorri millum. Din il-Qorti, a tenur ta’ l-artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, fissret lill-ħati bi kliem li huwa jifhem l-effett ta’ l-ordni u li jekk jonqos milli jikkonforma ruħu ma’ l-ordni jew jagħmel xi reat ieħor, jista’ jingħata sentenza għar-reat oriġinali. Tordna li kopja ta’ l-ordni ta’ *probation* terġa’ tiġi minnufih komunikata lill-*probationer* u lill-Uffiċjal Prinċipali tal-*Probation*. Tordna wkoll li kopja ta’ din is-sentenza tiġi komunikata lill-Uffiċjal Prinċipali tal-*Probation*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------